

P7_TA(2011)0289

Ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri *

Emendi tal-Parlament Ewropew adottati fit-23 ta' Ġunju 2011 għal proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri (COM(2010)0523 – C7-0397/2010 – 2010/0277(NLE))¹

(Konsultazzjoni)

[Emenda 2]

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW*

għall-proposta tal-Kummissjoni

DIRETTIVA TAL-KUNSILL

dwar ir-rekwiżiti għall-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 126(14) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ Il-każ kien riferut lura lill-kumitat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0184/2011).

* Emendi: test ġdid jew emendat huwa indikat b'tipa korsiva grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ■ .

Wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew²,

Billi:

- (1) Hemm il-ħtieġa li nibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-ewwel għaxar snin ta' funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja. L-iżviluppi ekonomiċi riċenti ħolqu sfidi ġodda għat-tmexxija tal-politika fiskali madwar l-Unjoni u b'mod partikolari enfasizzaw il-ħtieġa **li tissaħħaħ is-sjeda nazzjonali u li jkun hemm** rekwiżiti uniformi fir-rigward tar-regoli u l-proċeduri li jiffurmaw l-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri. B'mod partikolari huwa meħtieġ li jkun speċifikat x'iridu jagħmlu l-awtoritajiet nazzjonali biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv annessa mat-Trattati, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu.
- (2) Il-gvernijiet u s-sottosetturi tal-gvernijiet tal-Istati Membri jżommu sistemi ta' kontabilità pubblika li jinkludu elementi bħaż-żamma tal-kotba, il-kontroll intern, ir-rappurtar finanzjarju, u l-verifika. Għandha ssir distinzjoni bejn dawn u d-data tal-istatistika li għandha x'taqsam mar-riżultati tal-finanzi tal-gvern ibbażata fuq metodoloġiji tal-istatistika, u tbassir jew azzjonijiet ta' bbaġitjar li għandhom x'jaqsmu mal-finanzi futuri tal-gvern.
- (3) Prattiċi tal-kontabilità pubblika sħaħ u affidabbli għas-setturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika huma prekondizzjoni għall-produzzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja li tkun komparabbli fl-Istati Membri kollha. **Il-kontroll intern għandu jiżgura li r-regoli eżistenti jiġu infurzati fis-settur kollu kemm hu tal-amministrazzjoni pubblika. L-awditjar indipendenti mwettaq minn istituzzjonijiet pubbliċi bħall-Qorti tal-Awdituri jew korpi privati ta' awditjar għandu jinkuraġġixxi l-aħjar prattiki internazzjonali.**
- (4) Id-disponibilità ta' data fiskali hija kruċjali għall-funzjonament kif jixraq tal-qafas ta' sorveljanza baġitarja tal-Unjoni. Disponibilità regolari ta' data fiskali f'waqtha u affidabbli hija ċ-ċavetta għal kontroll kif jixraq u f'waqtu, li mbagħad jippermetti azzjoni rapida fil-każ ta' żviluppi baġitarji **mhux mistennija**. Element kruċjali biex tkun żgurata l-kwalità tad-data fiskali hija t-trasparenza, li teħtieġ disponibilità pubblika regolari ta' data bħal din.
- (5) Fir-rigward tal-istatistika, ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea³ jistabbilixxi qafas leġislattiv għall-produzzjoni ta' statistika Ewropea fir-rigward tal-formulazzjoni, l-

¹ ĠU C

² ĠU C 150, 20.5.2011, p. 1.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistika tal-Komunità, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU L 87, tal-31.03.2009, pġ. 164.

applikazzjoni, il-kontroll u l-valutazzjoni tal-politiki tal-Unjoni. Dak ir-Regolament stabbilixxa wkoll il-prinċipji li jirregolaw l-iżvilupp, il-produzzjoni u d-disseminazzjoni tal-istatistika Ewropea: l-indipendenza professjonali, l-imparzjalità, l-oġġettività, l-affidabilità, il-kunfidenzjalità tal-istatistika u l-effikaċja fl-infiq, u jagħti definizzjonijiet preċiżi ta' kull wieħed minn dawn il-prinċipji. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea¹, kif emendat, isahha is-setgħat tal-Kummissjoni biex tivverifika d-data tal-istatistika użata fil-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv.

- (6) Id-definizzjonijiet ta' 'gvern', 'defiċit' u 'investment' huma stabbiliti fil-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv b'referenza għas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet Ekonomiċi Integrati (ESA), sostitwita bis-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (adottata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità² u minn issa 'l quddiem imsejħa 'ESA 95').
- (6a) *Id-disponibilità u l-kwalità tad-data tal-ESA 95 huma kruċjali biex jiġi żgurat funzjonament tajjeb tal-qafas ta' sorveljanza fiskali tal-UE. L-ESA 95 toqgħod fuq informazzjoni provduta fuq bażi tad-dovuti. Madankollu, din l-istatistika fiskali bbażata fuq id-dovuti tiddependi mill-kompilazzjoni preċedenti ta' ċifri bbażati fuq il-ħlas, jew l-ekwivalenti tagħha. Dawn jista' jkollhom rwol rilevanti fit-tisħiħ ta' monitoraġġ baġitarju f'waqtu, sabiex jiġi evitat is-sejbien tard ta' żbalji baġitarji sinifikanti. Id-disponibilità ta' serje ta' żmien ta' ċifri bbażati fuq il-ħlas fir-rigward tal-iżviluppi baġitarji tista' tikxef tendenzi li jkun jistħoqqilhom sorveljanza aktar mill-qrib. Id-data fiskali bbażata fuq il-ħlas (jew ċifri ekwivalenti mill-kontabilità pubblika jekk id-data bbażata fuq il-ħlas ma tkunx disponibbli) li għandha tiġi ppubblikata għandha tinkludi mill-inqas bilanċ ġenerali, dħul totali u nfiq totali. F'każijiet ġustifikati, pereżempju fejn hemm numru kbir ta' korpi governattivi lokali, il-pubblikazzjoni fil-ħin ta' data tista' sserraħ fuq tekniki ta' stima adattati bbażati fuq kampjun ta' korpi, b'reviżjoni sussegwenti bl-użu ta' data sħiħa.*
- (7) Tbassir makroekonomiku u baġitarju ppreġudikat u mhux realistiku jista' jxekkel l-effikaċja tal-ippjanar fiskali b'mod konsiderevoli u konsegwentement jista' jxekkel l-impenn għal dixxiplina baġitarja, waqt li t-trasparenza u **d-diskussjoni** tal-metodoloġiji tat-tbassir jistgħu jżidu b'mod sinifikanti l-kwalità tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju għall-ippjanar fiskali.
- (8) Element kruċjali biex jiġi żgurat l-użu ta' tbassir realistiku għat-twettiq ta' politika baġitarja huwa t-trasparenza, li għandha tinvolvi d-disponibilità pubblika **mhux biss tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju uffiċjali mħejji għall-ippjanar fiskali, iżda wkoll** tal-metodoloġiji, is-suppożizzjonijiet u l-parametri **rilevanti** li fuqhom huwa bbażat **dan** it-tbassir **■**.
- (9) **Analiżi tas-sensittività** u projezzjonijiet baġitarji korrispondenti li jissupplimentaw ix-xenarju **makrofiskali l-aktar probabbli** jippermettu l-analiżi ta' kif il-varjabbli fiskali **ewlenin** jistgħu jevolvu taħt suppożizzjonijiet **ta' rati ta' tkabbir u ta' imgħax** differenti u b'hekk inaqqsu ħafna r-riskju li d-dixxiplina baġitarja tkun ipperikolata

¹ ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1.

² ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1.

minn żbalji fit-tbassir.

- (10) It-tbassir tal-Kummissjoni *u l-informazzjoni rigward il-mudelli li fuqhom ikunu bbażati jistgħu jipprovdu* lill-Istati Membri b'punt ta' referenza utli għax-xenarju *makrofiskali l-aktar probabbli*, filwaqt li *jsaħħu l-validità* tat-tbassir użat għall-ippjanar baġitarju, għalkemm il-livell safejn l-Istati Membri jistgħu jkunu mistennija *jqabblu t-tbassir użat għall-ippjanar baġitarju mat-tbassir* tal-Kummissjoni, ser ivarja skont iż-żmien tat-tnejjija tat-tbassir u l-komparabilità tal-metodoloġiji u s-suppożizzjonijiet tat-tbassir. *It-tbassir minn korpi indipendenti oħra wkoll jista' jipprovdi punti ta' referenza utli.*
- (10a) *Differenzi sinifikanti bejn ix-xenarju makrofiskali magħżul u t-tbassir tal-Kummissjoni għandhom jiġu deskritti b'motivazzjoni, b'mod partikolari jekk il-livell jew it-tkabbir tal-fatturi varjabbli fis-suppożizzjonijiet esterni jitbiegħed b'mod sinifikanti mill-valuri miżmuma fit-tbassir tal-Kummissjoni.*
- (10b) *Meta titqies l-interdipendenza bejn il-baġits tal-Istati Membri u l-baġit tal-Unjoni, biex l-Istati Membri jiġu appoġġati fit-tnejjija tat-tbassir baġitarju tagħhom, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi tbassir għall-infiq tal-UE bbażat fuq il-livell ta' nfiq ipprogrammat fil-qafas finanzjarju multiannwali.*
- (10c) *Biex tiġi ffaċilitata l-produzzjoni tat-tbassir użat għall-ippjanar baġitarju u jiġu ċċarati d-differenzi bejn it-tbassir tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, kull sena kull Stat Membru għandu jkollu l-opportunità li jiddiskuti mal-Kummissjoni s-suppożizzjonijiet li fuqhom tkun ibbażata t-tnejjija tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju.*
- (11) Il-kwalità tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju uffiċjali tissaħħaħ b'mod sinifikanti *b'evalwazzjoni regolari, mhux ippreġudikata u komprensiva bbażata fuq kriterji oġġettivi.* Verifika *bir-reqqa* tinkludi skrutinju tas-suppożizzjonijiet ekonomiċi, tqabbil mat-tbassir imħejji minn istituzzjonijiet oħra u evalwazzjoni tal-prestazzjoni tat-tbassir fil-passat.
- (12) B'kont meħud tal-effettività ddokumentata ta' oqfsa baġitarji bbażati fuq ir-regoli tal-Istati Membri *fit-tisħiħ tas-sjieda nazzjonali tar-regoli fiskali tal-UE u* fil-promozzjoni tad-dixxiplina baġitarja, regoli fiskali *numeriċi* sodi *speċifiċi għall-pajjiż* li huma konsistenti mal-oġġettivi baġitarji fil-livell tal-Unjoni għandhom ikunu l-pedament tal-qafas imsaħħaħ ta' sorveljanza baġitarja tal-Unjoni. Regoli fiskali *numeriċi* sodi għandhom ikunu mgħammra b'definizzjonijiet speċifikati sew tal-miri flimkien ma' mekkaniżmi għal monitoraġġ effettiv u f'waqtu. *Dan għandu jkun ibbażat fuq analiżi affidabbli u indipendenti mwettqa minn korpi indipendenti jew korpi li għandhom awtonomija funzjonali vis-à-vis l-awtoritajiet fiskali tal-Istati Membri.* Barra minn hekk, l-esperjenza tal-politika wriet li biex ir-regoli *fiskali* numeriċi jaħdmu b'mod effettiv, għandu jkun hemm konsegwenzi marbutin man-nuqqas ta' konformità, fejn l-ispejjeż involuti jistgħu jkunu sempliċiment reputazzjonali.
- (12a) *B'kont meħud li skont il-Protokoll Nru 15 dwar ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq, il-valuri referenzjali msemmija fil-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv mhumieħ direttament vinkolanti għar-Renju Unit, u l-obbligu li jkun hemm regoli fiskali*

numeriċi li jipromwovu b'mod effettiv konformità mal-valuri referenzjali speċifiċi għall-iżbilanċ eċċessiv, u l-obbligu relatat li l-objettivi multiannwali f'oqfsa baġitarji għal perjodu medju jkunu konsistenti ma' dawn ir-regoli, ma għandhomx japplikaw għar-Renju Unit.

- (13) L-Istati Membri għandhom jevitaw politiki fiskali proċikliċi u l-isforzi ta' konsolidazzjoni fiskali għandhom ikunu akbar fi żminijiet tajba. Regoli fiskali numeriċi speċifikati tajjeb għandhom iwasslu għal dawn l-objettivi ***u għandhom ikunu riflessi fil-leġislazzjoni baġitarja annwali tal-Istati Membri.***
- (14) L-ippjanar fiskali nazzjonali jista' jkun konsistenti kemm mal-parti preventiva kif ukoll mal-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir biss jekk jadotta perspettiva multiannwali u jsegwi b' mod partikolari l-kisba tal-objettivi baġitarji għal perjodu ta' żmien medju. Oqfsa baġitarji għal perjodu ta' żmien medju huma strettament strumentali biex ikun żgurat li l-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri huma konsistenti mal-leġislazzjoni tal-Unjoni. Fl-ispirtu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 Lulju 1997 dwar it-tishiġ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹ u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' deficiet eċċessiv², il-parti preventiva u l-parti korrettiva tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir ma għandhomx jitqiesu f' iżolament.
- (15) Għalkemm l-approvazzjoni tal-leġislazzjoni tal-baġit annwali hija pass ewlieni fil-proċess tal-baġit fejn id-deċiżjonijiet baġitarji importanti huma adottati fl-Istati Membri, il-maġġoranza tal-miżuri fiskali għandhom implikazzjonijiet baġitarji li jmorru lil hinn sewwa miċ-ċiklu baġitarju annwali. Perspettiva ta' sena waħda għaldaqstant tipprovdi bażi dgħajfa għall-politiki baġitarji sodi. Sabiex tkun inkorporata l-perspettiva baġitarja multiannwali tal-qafas ta' sorveljanza baġitarja tal-Unjoni, l-ippjanar tal-leġislazzjoni tal-baġit annwali għandu jkun ibbażat fuq ippjanar fiskali multiannwali li jitnissel mill-qafas baġitarju għal perjodu ta' żmien medju.
- (15a) ***Dan il-qafas baġitarju għal perjodu medju għandu jkun fih, fost oħrajn, projezzjonijiet ta' kull partita ta' nfiq u dħul maġġuri għas-sena tal-baġit u lil hinn minnha abbażi ta' politiki mingħajr tibdil. Kull Stat Membru għandu jkun kapaċi jiddefinixxi b'mod adatt politiki mingħajr tibdil u d-definizzjoni għandha tkun pubblika flimkien mas-suppożizzjonijiet, il-metodoloġiji u l-parametri rilevanti involuti.***
- (15b) ***Din id-Direttiva ma għandhiex tipprojbixxi gvern ġdid ta' Stat Membru milli jaġġorna l-qafas baġitarju għal perjodu medju ta' żmien tiegħu biex jirrifletti l-prijoritajiet politiċi ġodda tiegħu sakemm l-Istat Membru jenfasizza d-differenzi mill-qafas baġitarju għal perjodu medju.***
- (16) Id-dispożizzjonijiet tal-qafas ta' sorveljanza baġitarja stabbiliti mit-Trattat u b' mod partikolari l-Patt ta' Stabilità u Tkabbir japplikaw għall-amministrazzjoni pubblika fl-intier tagħha, li tinkludi s-sottosetturi tal-gvern ċentrali, il-gvern statali, il-gvern lokali, u l-fondi tas-sigurtà soċjali, kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 2223/96.

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.

- (17) Għadd sinifikanti ta' Stati Membri ġarrbu diċentralizzazzjoni fiskali mdaqqa bid-divoluzzjoni tas-setgħat baġitarji lil gvernijiet subnazzjonali. L-irwol ta' tali gvernijiet subnazzjonali biex jiżguraw il-konformità mal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir b'hekk żdied b'mod konsiderevoli, u għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat li s-sottosetturi tal-amministrazzjoni pubblika kollha jkunu koperti kif jixraq mill-firxa tal-obbligi u l-proċeduri stabbiliti fl-oqfsa baġitarji nazzjonali, speċifikament, iżda mhux esklussivament, f'tali Stati Membri aktar iddeċentralizzati.
- (18) Biex ikunu effettivi fil-promozzjoni tad-dixxiplina baġitarja u s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi, l-oqfsa baġitarji għandhom ikopru l-finanzi pubbliċi b'mod komprensiv. Għal din ir-raġuni, operazzjonijiet ta' korpi *ta' amministrazzjoni pubblika u fondi ġenerali li ma jiffurmawx parti mill-baġits regolari fil-livell sottosettorjali* li għandhom impatt immedjat jew għal perjodu medju fuq il-pożizzjonijiet baġitarji tal-Istati Membri għandhom jingħataw attenzjoni partikolari. *L-impatt ikkombinat tagħhom fuq il-bilanċi u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għandu jiġi ppreżentat fil-qafas tal-proċessi baġitarji annwali u l-pjanijiet baġitarji fuq perjodu medju.*
- (18a) *Bl-istess mod, l-eżistenza ta' obbligi kontinġenti jixirqilha attenzjoni xierqa. B'mod aktar speċifiku, l-obbligi kontinġenti jkopru obbligi possibbli li jiddependu minn xi avveniment futur inċert li jista' jseħħ, jew obbligi preżenti fejn x'aktarx il-ħlas ma jsirx jew l-ammont ma jkunx jista' jtkompli b'mod affidabbli. Huma jkopru pereżempju informazzjoni rilevanti dwar garanziji tal-gvern, is-self inadempjenti, u l-obbligi li jiġu mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, inkluż, fejn adatt, il-probabilità u d-data dovuta potenzjali tal-infiq ta' obbligi kontinġenti. Is-sensittivitajiet tas-suq għandhom jitqiesu kif adatt.*
- (18b) *Il-Kummissjoni għandha tissorvelja regolarment l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Għandhom jiġu identifikati u kondiviżi l-aħjar Prattiki rigward id-dispożizzjonijiet tal-ħames kapitoli li jitrattaw l-aspetti differenti tal-oqfsa baġitarji nazzjonali.*
- (18c) *Bi qbil mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet¹, l-Istati Membri huma inkoraġġiti jfasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Unjoni, it-tabelli tagħhom stess li juru, kemm jista' jkun, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u li jipubblikawhom.*
- (19) Minħabba li l-oġettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-konformità b'mod uniformi mad-dixxiplina baġitarja kif meħtieġa mit-Trattat, ma tistax tinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri u tista' tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-oġettiv.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I
Suġġett u definizzjonijiet

Artikolu 1

¹ ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

Is-Sugġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dettaljati rigward il-karatteristiċi tal-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri li huma meħtieġa biex *tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi tal-Istati Membri skont it-Trattat fir-rigward tal-evitar ta' defiċits pubbliċi eċċessivi*.

Artikolu 2 Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' 'gvern', 'defiċit' u 'investment' stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll (Nru 12) dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattati. *Id-definizzjoni tas-sottosetturi ta' amministrazzjoni pubblika stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2223/96 (ESA 95) għandha tapplika.*

Barra minn hekk, għandha tapplika d-definizzjoni li ġejja:

'qafas baġitarju' tfisser is-sett ta' arranġamenti, proċeduri, *regoli* u istituzzjonijiet li huma l-bażi għat-twettiq tal-politika baġitarji tal-amministrazzjoni pubblika, b'mod partikolari:

- (a) is-sistemi ta' kontabilità baġitarja u r-rapportar tal-istatistika;
- (b) ir-regoli u l-proċeduri li jirregolaw it-tnejn tat-tbassir għall-ippjanar baġitarju;
- (c) ir-regoli fiskali numeriċi *speċifiċi għall-pajjiż*, li *jikkontribwixxu għall-konsistenza tat-twettiq* tal-politika fiskali *mill-Istati Membri mal-obbligi rispettivi tagħhom skont it-Trattat imfissra* f'termini ta' indikatur sommarju tal-prestazzjoni baġitarja, bħad-defiċit, is-self, id-dejn tal-baġit tal-gvern, jew komponent maġġuri tiegħu;
- (d) il-proċeduri baġitarji li jinkludu regoli proċedurali li *jirfdu* l-proċess tal-baġit fl-istadji kollha;
- (e) l-oqfsa baġitarji għal perjodu medju bħala sett speċifiku ta' proċeduri baġitarji nazzjonali li jestendu l-perjodu għat-tfassil tal-politika fiskali lil hinn mill-kalendarju baġitarju annwali, inkluż l-istabbiliment tal-prijoritajiet ta' politika u tal-oġettivi baġitarji għal perjodu medju;
- (f) l-arranġamenti *għal monitoraġġ u analiżi indipendenti* għat-tisħiħ tat-trasparenza ta' elementi tal-proċess tal-baġit ■ ;
- (g) mekkaniżmi u regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet fiskali bejn l-awtoritajiet pubbliċi fis-sottosetturi tal-amministrazzjoni pubblika.

KAPITOLU II Kontijiet u statistika

Artikolu 3

1. Fir-rigward tas-sistemi nazzjonali tal-kontabilità pubblika, l-Istati Membri għandu

jkollhom stabbiliti sistemi ta' kontabilità pubblika li komprensivament u konsistentement ikopru s-sottosetturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika u jkun fihom l-informazzjoni meħtieġa biex *tiġi ġġenerata data bbażata fuq id-dovuti bl-għan li titħejja* data bbażata fuq l-ESA 95. Dawk is-sistemi ta' kontabilità pubblika għandhom ikunu soġġetti għal kontroll intern u verifika *indipendenti*.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw disponibilità pubblika f'waqtha u regolari tad-data fiskali għas-sottosetturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika *kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 2223/96 (ESA 95)*. B'mod partikolari l-Istati Membri għandhom jipubblikaw:

- (a) data fiskali bbażata fuq flus kontanti (*jew iċ-ċifra ekwivalenti mill-kontabilità pubblika jekk data bbażata fuq flus kontanti ma tkunx disponibbli*) bil-frekwenza li ġejja:
- kull xahar *għall-gvern ċentrali, għall-gvern statali u għas-sottosetturi tas-sigurtà soċjali*, qabel l-aħħar tax-xahar ta' wara, u
 - *kull tliet xhur, għas-sottosettur tal-gvern lokali, qabel l-aħħar tal-perjodu ta' tliet xhur ta' wara;*
- (b) tabella ta' rikonċiljazzjoni dettaljata li turi *l-metodoloġija* tat-transizzjoni bejn data bbażata fuq flus kontanti (*jew iċ-ċifri ekwivalenti mill-kontabilità pubblika jekk data bbażata fuq flus kontanti ma tkunx disponibbli*) u data bbażata fuq l-ESA 95.

KAPITOLU III

Tbassir

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ippjanar fiskali huwa bbażat fuq tbassir makroekonomiku u baġitarju realistiku permezz tal-aktar informazzjoni aġġornata. L-ippjanar baġitarju għandu jkun ibbażat fuq ix-xenarju makrofiskali l-aktar probabbli jew fuq xenarju aktar prudenti. It-tbassir makroekonomiku u baġitarju għandu *jitqabbel mat-tbassir l-aktar aġġornat* tal-Kummissjoni *u, jekk ikun xieraq, ma' dak ta' korpi indipendenti oħra. Differenzi sinifikanti* bejn ix-xenarju makrofiskali magħżul u t-tbassir tal-Kummissjoni għandhom jiġu *deskritti b'motivazzjoni, b'mod partikolari jekk il-livell jew it-tkabbir tal-fatturi varjabbli fis-suppożizzjonijiet esterni jitbiegħed b'mod sinifikanti mill-valuri miżmuma fit-tbassir tal-Kummissjoni.*

1a. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-metodoloġiji, is-suppożizzjonijiet u l-parametri rilevanti li fuqhom ikun ibbażat it-tbassir makroekonomiku u baġitarju tagħha.

1b. Biex l-Istati Membri jiġu appoġġati fit-tħejja tat-tbassir baġitarju tagħhom, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi tbassir għall-infiq tal-UE bbażat fuq il-livell ta' nfiq ipprogrammat fil-qafas finanzjarju multiannwali.

2. *Fil-qafas ta' analiżi tas-sensittività, it-tbassir makroekonomiku u baġitarju għandu jeżamina t-tendenzi ta' fatturi fiskali varjabbli prinċipali taħt suppożizzjonijiet differenti ta' rati ta' tkabbir u ta' interessi.* Il-firxa ta' *suppożizzjonijiet* alternattivi użati fit-tbassir makroekonomiku u baġitarju għandha tkun iggwidata mill-prestazzjoni tat-tbassir tal-passat *u*

għandha tagħmel ħilitha biex tqis ix-xenarji rilevanti tar-riskju.

3. L-Istati Membri *għandhom jispeċifikaw liema istituzzjoni hija responsabbli għall-produzzjoni tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju u għandhom jippubblikaw it-tbassir makroekonomiku u baġitarju uffiċjali mħejji għall-ippjanar fiskali, inklużi l-metodoloġiji, is-suppożizzjonijiet u l-parametri rilevanti li jirfdu dak it-tbassir. Għall-inqas darba fis-sena l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandu jkollhom djalogu tekniku dwar is-suppożizzjonijiet li fuqhom tkun ibbażata t-tħejjija tat-tbassir makroekonomiku u baġitarju.*

4. ■ It-tbassir makroekonomiku u baġitarju għall-ippjanar fiskali *għandu jkun soġġett għal evalwazzjoni regolari, imparzjali u komprensiva bbażata fuq kriterji oġġettivi*, inkluża evalwazzjoni ex post. Ir-riżultat ta' din *l-evalwazzjoni għandu jiġi ppubblikat u jitqies kif jixraq fit-tbassir makroekonomiku u baġitarju futur. Jekk l-evalwazzjoni ssib preġudizzju sinifikanti li jaffettwa t-tbassir makroekonomiku tul perjodu ta' mill-inqas erba' snin konsekuttivi, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-azzjoni meħtieġa u jippubblikaha.*

4a. *Il-livelli ta' kull tliet xhur tad-dejn u tad-defiċit tal-Istati Membri għandhom jiġu ppubblikati mill-Kummissjoni (Eurostat) kull tliet xhur.*

KAPITOLU IV Regoli fiskali numeriċi

Artikolu 5

L-Istati Membri għandu jkollhom stabbiliti regoli fiskali numeriċi *speċifiċi għall-pajjiż* li jippromwovu b'mod effettiv il-konformità *tul qafas multiannwali tal-amministrazzjoni pubblika fl-intier tagħha* mal-obbligi rispettivi tagħhom li joħorġu mit-Trattat fil-qasam tal-politika baġitarja. Regoli bħal dawn għandhom *jippromwovu* b'mod partikolari:

- (a) konformità mal-valuri ta' referenza dwar id-defiċit u d-dejn stabbiliti f'konformità mat-Trattat;
- (b) l-adozzjoni ta' perjodu ta' ppjanar fiskali multiannwali, li jinkludi l-ħarsien tal-oġġettivi baġitarji *tal-Istati Membri* għal perjodu ta' żmien medju.

Artikolu 6

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-qafas ta' sorveljanza baġitarja tal-Unjoni, ir-regoli fiskali numeriċi *speċifiċi għall-pajjiż* għandhom jinkludu speċifikazzjonijiet dwar l-elementi li ġejjin:

- (a) id-definizzjoni tal-miri u l-firxa tar-regoli;
- (b) kontroll effettiv u f'waqtu rigward il-konformità mar-regoli *bbażat fuq analiżi affidabbli u indipendenti mwettqa minn korpi indipendenti jew korpi li għandhom awtonomija funzjonali vis-à-vis l-awtoritajiet fiskali tal-Istati Membri.*
- (c) il-konsegwenzi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità;

2. **Jekk ir-regoli fiskali numeriċi jkun fihom** klawnsoli ta' ħruġ, **dawn għandhom jistabbilixxu** numru limitat ta' ċirkostanzi speċifiċi **konsistenti mal-obbligi tal-Istati Membri skont it-Trattat fil-qasam tal-politika baġitarja u proċeduri stretti** għal meta huwa permess nuqqas ta' konformità temporanju mir-regola.

Artikolu 7

Il-leġiżlazzjoni tal-baġit annwali tal-Istati Membri għandha tirrifletti **r-regoli** fiskali numeriċi **speċifiċi għall-pajjiż** tagħhom li huma fis-seħħ.

Artikolu 7a

L-Artikoli 5 sa 7 ma għandhomx japplikaw għar-Renju Unit.

KAPITOLU V

Oqfsa baġitarji għal perjodu ta' żmien medju

Artikolu 8

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas baġitarju **kredibbli**, effettiv għal perjodu ta' żmien medju li jipprevedi l-adozzjoni ta' perjodu ta' ppjanar fiskali ta' mill-inqas tliet snin biex ikun żgurat li l-ippjanar fiskali nazzjonali jsegwi perspettiva ta' ppjanar fiskali multiannwali.

2. L-oqfsa baġitarji għal perjodu ta' żmien medju għandhom jinkludu proċeduri għall-istabbiliment tal-affarijiet li ġejjin:

- (a) objettivi baġitarji multiannwali komprensivi u trasparenti fir-rigward tad-defiċit, id-dejn u ta' kwalunkwe indikatur fiskali sommarju ieħor tal-amministrazzjoni pubblika **bħall-infiq**, biex jiġi żgurat li dawn ikunu konsistenti ma' kwalunkwe regola fiskali **numerika** kif previst fil-Kapitolu IV fis-seħħ;
- (b) projezzjonijiet għal kull partita ta' nfiq u dħul maġġuri ■ tal-amministrazzjoni pubblika **b'aktar speċifikazzjonijiet dwar il-livell tal-gvern ċentrali u tas-sigurtà soċjali**, għas-sena tal-baġit u lil hinn minnha, ibbażati fuq politiki mingħajr tibdil;
- (c) **deskrizzjoni ta' politiki mbassra** għall-perjodu medju **b'impatt fuq il-finanzi tal-amministrazzjoni pubblika** mqassma skont il-partita ta' dħul u nfiq maġġuri, ■ li turi kif jinkiseb l-aġġustament lejn **l-objettivi baġitarji** għal perjodu medju meta mqabbel mal-projezzjonijiet taħt il-politiki mingħajr tibdil;
- (ca) **evalwazzjoni ta' kif fid-dawl tal-impatt dirett tagħhom fuq perjodu twil ta' żmien fuq il-finanzi tal-amministrazzjoni pubblika, il-politiki mbassra hawn fuq imsemmija x'aktarx li jaffettwaw is-sostenibilità fuq perjodu twil ta' żmien tal-finanzi pubbliċi.**

3. Il-projezzjonijiet adottati fi ħdan l-oqfsa baġitarji għal perjodu ta' żmien medju għandhom ikunu bbażati fuq tbassir makroekonomiku u baġitarju realistiku f'konformità mal-Kapitolu III.

Artikolu 9

Il-leġiżlazzjoni tal-baġit annwali għandha tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet li jitnisslu

mill-qafas baġitarju għal perjodu ta' żmien medju. B'mod speċifiku, il-projezzjonijiet u l-prijoritajiet ta' dħul u ħruġ li jirriżultaw mill-qafas baġitarju għal perjodu ta' żmien medju kif speċifikat fl-Artikolu 8(2) għandhom jikkostitwixxu l-bażi għat-tnejn tal-baġit annwali. Kwalunkwe devjazzjoni minn dawn id-dispożizzjonijiet għandha *tiġi spjegata* kif jixraq.

Artikolu 9a

Din id-Direttiva ma għandhiex tipprojbixxi gvern ġdid ta' Stat Membru mill-jaġġorna l-qafas baġitarju għal perjodu medju ta' żmien tiegħu biex jirrifletti l-prijoritajiet politiċi ġodda tiegħu sakemm l-Istat Membru jenfasizza d-differenzi mill-qafas baġitarju għal perjodu medju.

KAPITOLU VI

Trasparenza fil-finanzi tal-gvern ġenerali u l-firxa komprensiva tal-oqfsa baġitarji

Artikolu 10

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe miżura mwettqa għal konformità mal-Kapitoli II, III u IV tkun konsistenti fis-sotto-setturi kollha, u komprensiva fil-kopertura tas-sotto-setturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika. B'mod partikolari dan għandu jimplika konsistenza tar-regoli u l-proċeduri tal-kontabilità u l-integrità tas-sistemi tal-ġbir u l-ipproċessar tad-data sottostanti tagħhom.

Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa ta' koordinazzjoni fis-sotto-setturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika biex jipprevedu kopertura **komprensiva u konsistenti** tas-sotto-setturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika fl-ippjanar fiskali, **fir-regoli fiskali numeriċi speċifiċi għall-pajjiż** u fit-tnejn tat-tbassir baġitarju u l-istabbiliment ta' ppjanar multiannwali kif stabbilit b'mod partikolari fil-qafas baġitarju multiannwali.

■

2. Sabiex tiġi promossa r-responsabilità fiskali, għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar ir-responsabilitajiet baġitarji tal-awtoritajiet pubbliċi fis-sotto-setturi differenti tal-amministrazzjoni pubblika.

Artikolu 13

1. **Il-korpi** kollha **ta' amministrazzjoni pubblika** u **fondi li ma jiffurmawx parti mill-baġits** regolari **fil-livell sottosettur għandhom jiġu identifikati u ppreżentati, flimkien ma' informazzjoni rilevanti oħra, fil-qafas tal-proċessi baġitarji** annwali. **L-impatt ikkombinat tagħhom fuq il-bilanċi u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika għandhom jiġu ppreżentati fil-qafas tal-proċessi baġitarji annwali u l-pjanijiet baġitarji fuq perjodu medju.**

2. L-Istati Membri għandhom jipubblikaw informazzjoni dettaljata rigward l-impatt tal-infiq tat-taxxa fuq id-dħul.

3. Għas-sotto-setturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika, l-Istati Membri għandhom jipubblikaw informazzjoni **rilevanti** dwar l-obbligi kontinġenti b'impatti potenzjalment kbar

fuq il-baġits pubbliċi, inklużi l-garanziji governattivi, is-self inadempjenti u l-obbligi li jirriżultaw mill-operat ta' korporazzjonijiet pubbliċi, inkluż il-kobor tagħhom **■**. ***L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ukoll informazzjoni dwar il-parteciċipazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika fil-kapital ta' korporazzjonijiet pubbliċi u privati għal ammonti ekonomikament sinifikanti.***

KAPITOLU VII Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 14

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013. Dawn għandhom jibagħtu minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. ***Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex għalihom stess u fl-interessi tal-Unjoni, ifasslu t-tabelli ta' korrelazzjoni tagħhom stess li, kemm jista' jkun, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' trażpożizzjoni u jippubblikawhom.***

1a. Il-Kummissjoni għandha tippovdi rapport interim dwar il-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ewlenin ta' din id-Direttiva abbażi tal-informazzjoni rilevanti mill-Istati Membri, li għandu jitressaq mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

1b. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkommunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva lill-Kummissjoni.

Artikolu 14a

1. Ħames snin wara d-data tat-traspożizzjoni msemmija fl-Artikolu 14(1), il-Kummissjoni għandha tippublika rieżami tal-adeqwatezza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

2. Ir-rieżami għandu jevalwa, inter alia, l-adeqwatezza:

(a) tar-rekwiżiti tal-istatistika għas-sottosetturi kollha tal-gvern;

(b) tad-disinn u l-effikaċja tar-regoli fiskali numeriċi fl-Istati Membri;

(c) tal-livell ġenerali ta' trasparenza tal-finanzi pubbliċi fl-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha twettaq, mhux iktar tard mill-aħħar tal-2012, evalwazzjoni tal-adeqwatezza tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità fis-Settur Pubbliku għall-Istati Membri.

Artikolu 15

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 16

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill

Il-President